# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 28 ta' Marzu 2023**

**Talba numru 29/2022SFJ**

**Numru 5**

**SAMUEL U SILVANA KONJUĠI ABELA**
***VS.***
**ADRIANA MUSCAT**

**It-Tribunal:**

Ra l-avviż tat-talba ippreżentat fl-24 ta' Jannar 2022 li permezz tiegħu l-atturi talbu li l-konvenuta tkun ikkundannata tħallashom l-ammont ta' ħames mija u erbgħa u sebgħin Ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€574.91) għar-raġunijiet hemm imfissra;

Ra r-risposta tal-konvenuta ppreżentata fil-31 ta' Mejju 2022 li permezz tagħha opponiet it-talbiet tal-atturi;

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-28 ta' Marzu 2023.

**<u>Provi mressqa</u>**

L-attur Samuel Abela xehed li huwa kien jaf lill-konvenuta stante li kienet f'relazzjoni romantika ma' ibnu għal xi xhur. Matul dawn ix-xhur, huwa għen lill-konvenuta f'diversi affarijiet. Abela xehed li għax-xogħol li għamlilha f'appartament f'Ħal Luqa ma ħadilha ebda flus, iżda kien jemmen li almenu kellu jkun imħallas tal-materjal.

L-attur kompla jixhed li huwa xtralha żewġ *water heaters* kif ukoll il-materjal neċessarju biex dan ikun installat (u fil-fatt installahulha huwa stess), waħħlilha s-*sink* tal-kċina, saħansitra ħareġ mill-post tax-xogħol tiegħu biex ikun jista' jakkommodaha, u sewwielha xi lampi. Dan kollu sar għall-benefiċċju tal-fond tal-konvenuta f'Ħal Luqa.

L-attur ippreżenta fatturi ammontanti għal €275 u €204.01 rispettivament.

In kontro-eżami, l-attur ċaħad li l-konvenuta talbitu riċevuta formali għal mill-inqas *geyser* wieħed. Huwa qal li bagħet *Excel sheet* lill-konvenuta wara li kien ħa parir mingħand l-avukat tiegħu. L-ewwel darba li sema' li riedet riċevuta kien mingħand l-avukat tagħha. Meta mistoqsi, huwa ma kienx jaf jekk wieħed mill-*geysers* inxtarax lilha bħala rigal mingħand ibnu, iżda saħaq li huwa kien ħallas għalih.

In eżami, Silvana Abela kkonfermat dak li xehed żewġha. In kontro-eżami, hija qalet li l-konvenuta talbithom jixtrulha l-*geysers*.

Il-konvenuta xehdet in eżami u qalet li nxtraw żewġ *geysers*. Wieħed minnhom ġie mixtri lilha mingħand Luke Abela (iben l-atturi) bħala rigal filwaqt li l-ieħor ġie mixtri lilha mill-atturi.

F'dan l-istadju, il-konvenuta ammettiet li kellha tħallas lill-atturi almenu għal wieħed mill-*geysers*. Inoltre, lejn l-aħħar tax-xhieda tagħha, wara domanda tat-Tribunal, il-konvenuta tenniet dan.

In kontro-eżami, il-konvenuta qalet li ma ħallsitx għax qatt ma rċeviet xi riċevuta, iżda rċeviet biss *Excel sheet* li ma kinitx formalment redatta fuq xi *letterhead*. Meta ġiet mistoqsija min ħallas għall-*geyser* li kien allegatament rigal, hija ma kinitx taf twieġeb, iżda kkonfermat li dan il-*geyser* tħallas mill-attur Samuel Abela. Hija qalet li ma kinitx infurmat lil Samuel Abela li l-*geyser* relattiv kien rigal mingħand binhom, l-ewwelnett għax ħadd ma staqsa, u t-tieni għax ma ħassitx li kellha għalfejn tinforma.

Luke Abela xehed u l-ewwelnett irrefera għaċ-*chats* immarkati dokument AM1 u qanqal suspett li kienu *edited* mill-konvenuta stante li fiż-żmien tar-relazzjoni li kellhom, hija kellha aċċess għall-*Facebook profile* tiegħu. Huwa qal li kellu dan is-suspett għaliex ma kienx jitkellem b'dak il-mod. Finalment, huwa qal li seta' kien li l-messaġġi kitibhom hu. In kontro-eżami, Luke Abela qal li hu ma kien ħallas għal ebda *geyser*.

**Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

It-Tribunal josserva l-inkonsistenza lampanti da parti tal-konvenuta fis-sens li meta hija tat struzzjonijiet lill-avukat tagħha biex jirrediġi r-risposta (senjatament a fol. 19), hija mid-dehra ma qaltlux li fuq il-pedana tax-xhieda, kienet beħsiebha tammetti li fil-fehma tagħha stess, kellha tħallas lill-atturi almenu għal *geyser* wieħed. Konsegwentement, hija ġġib fix-xejn l-eċċezzjonijiet tagħha stess sakemm u sa fejn dawn jgħidu li qatt ma kellha l-obbligu li tħallas għall-oġġetti li xtrawlha l-atturi. Anzi, mill-provi jidher ċar li l-unika ħaġa li saret *senza interessi* kien it-twaħħil tal-*geysers* mill-attur Samuel Abela.

Jirriżulta wkoll li nonostante l-ammissjoni tagħha fuq il-pedana tax-xhieda, m'hemmx provi li durante l-kawża hija għaddiet xi pagament lill-atturi sabiex il-pretensjonijiet tagħhom ikunu almenu parzjalment saldati fir-rigward ta' wieħed mill-*geysers*. It-Tribunal jinnota li l-attur Samuel Abela ppreżenta l-fatturi relattivi nhar il-25 ta' Ottubru 2022 (meta xehed hu). Bejn il-25 ta' Ottubru 2022 u s-7 ta' Frar 2023 (meta xehdet il-konvenuta), il-konvenuta kellha aktar minn tlett xhur sabiex tara r-riċevuti ppreżentati fl-atti u b'hekk tkun tista' tirregola ruħha. Għalhekk, fil-fehma tat-Tribunal, meta xehdet hi, ma kien fadlilha ebda skuża raġjonevoli bbażata fuq l-allegat nuqqas tal-atturi li jgħaddulha d-dokumenti relattivi, għax sa dak iż-żmien, il-fatturi relattivi kienu fl-atti tal-kawża u l-konvenuta setgħet tarahom u setgħet tikkonsulta mal-avukat tagħha dwarhom. Il-konvenuta ma setgħetx imbagħad twaħħal fl-atturi għax allegatament qatt ma bagħtulha xi fattura uffiċjali fuq *letterhead* u tgħid li ma kinitx ser tħallas ladarba ma kienx hemm fattura uffiċjali fuq *letterhead* tal-fornitur.

It-Tribunal ra sewwa l-fatturi ppreżentati minn Samuel Abela. Il-fattura li tinsab a fol. 25 tal-atti tirrigwarda *geyser* ta' tmenin litru li sewa €275. Dan huwa l-*geyser* li l-konvenuta tgħid li kien rigal lilha.

It-tieni fattura tinsab a fol. 26 tal-atti u tirrigwarda diversi oġġetti li jidhru li huma anċillari għall-operazzjoni u t-twaħħil ta' *geyser*. L-ammont indikat f'din il-fattura huwa ta' €204.01. Huwa notevoli li din il-fattura għandha fin-naħa ta' isfel iċ-ċifra ta' €232.33 miktuba bil-pinna. It-Tribunal ma jafx din x'inhi u għalhekk qiegħed jiskartaha.

It-total ta' dawn il-fatturi huwa ta' **€479.01**, u mhux €574.91, kif qegħdin jippretendu l-atturi. L-atturi qatt ma pprovdew *break-down* tal-ammont pretiż minnhom sabiex jiddeskrivu liema parti mill-ammont jappartjeni għal *geyser* (wieħed jew tnejn) u liema jappartjeni għal materjal u oġġetti anċillari.

Għad li l-partijiet konsistentement irreferew għal żewġ *geysers,* dawn huma l-uniċi fatturi li t-Tribunal sab fl-atti proċesswali, u għalhekk jista' jimxi biss fuqhom.

L-unika prova, jekk tista' ssejħilha hekk, li l-konvenuta għandha li wieħed mill-*geysers* kien allegatament rigal huma l-messaġġi minnha esebiti (dokument AM1). It-Tribunal josserva, iżda, li huwa biss fit-tieni paġna tal-messaġġi (jiġifieri t-tielet paġna tad-dokument AM1) li hemm referenza għal data (li hija t-23 ta' Diċembru 2020). Mill-bqija, it-Tribunal m'għandu ebda ħjiel tal-kuntest tal-messaġġi u d-dati li fihom intbagħtu. Inoltre, jekk *se mai* il-konvenuta kienet imwiegħda *geyser*, kienet imwiegħda minn Luke Abela, u mhux mill-ġenituri tiegħu. Il-fatt li l-ġenituri tiegħu xtrawlha *geyser* ma jammontax għal obbligu da parti tagħhom li jagħtuhulha rigal. Il-kuntest li fihom intbagħtu l-messaġġi seta' nbidel bejn id-dati tal-messaġġi (dati mhux magħrufa) u meta nxtraw l-oġġetti (29 ta' Diċembru 2020 u 10 ta' Marzu 2021 skont il-fatturi). Barra minn hekk, anki jekk wieħed kellu jieħu l-messaġġi esebiti bħala prova tal-allegat rigal, lanqas biss jista' jingħad li dawn il-messaġġi huma partikolarment ċari inkwantu jindikaw l-intenzjoni li jingħata xi *geyser* b'rigal.

Għalhekk, it-Tribunal huwa tal-fehma li t-talbiet tal-atturi għandhom jintlaqgħu, għalkemm limitatament.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi:

i. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta; u

ii. Jilqa' t-talbiet tal-atturi limitatament għal erba' mija u disgħa u sebgħin Ewro u ċenteżmu (€479.01) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas dan l-ammont lill-atturi, bl-imgħax kalkulabbli b'rata mhux ogħla mir-rata massima skont il-liġi u dekorribbli mid-dati ta' kull fattura esebita fl-atti rispettivament.

L-ispejjeż ta' din il-kawża jitħallsu mill-konvenuta.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**